**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 162/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Jean Pierre Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-21 ta' Frar 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett skritturi privati, wahda minnhom datat 30 ta' Mejju 2007 (Dok. "A") u tnejn l-ohra datati 20 ta' Frar 2008 (Dok. "B" u "C") fejn is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Jean Pierre Camilleri.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Jean Pierre Camilleri fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€25,141.73), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Credit Card Loan Accounts" ta' Jean Pierre Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", Dok. "E" u Dok, "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija skritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jean Pierre Camilleri
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jean Pierre Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Jean Pierre Camilleri gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "G", sabiex

jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jean Pierre Camilleri (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jean Pierre Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna IiI Jean Pierre Camilleri jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€25,141.73), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Credit Card Loan Accounts" ta' Jean Pierre Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "DI sa D2", Dok. "E" u Dok. "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Dorianne Tanti, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-bilanc ghadu kollu dovut u mill-prezentata tal-kawza ma thallas xejn.

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tal-bank u l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma’ dak miftiehem baqa’ inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-bank hu gustifikat fit-talbiet tieghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Jean Pierre Camilleri jhallas lil-bank attur is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, mija u

wiehed u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€25,141.73), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Credit Card Loan Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2018 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur